MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 228/2007

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet: li minn relazzjoni li kellha mal-konvenut twieled it-tifel Kurt fid-9 t'Awwissu 2003; li l-konvenut huwa obbligat imantni lit-tarbija mid-data tat-twelid; ghalhekk qed jitlob li din l-Qorti

1. Tafda l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri Kurt ghand ommu l-esponenti, bi dritt ta' access minimu ghall-intimat, liema access ikun imqassam b'mod ekwu maz-zewg partijiet;
2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti dik is-somma li tigi likwidata in linea ta' manteniment ghat-tifel minuri Kurt okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi u

liema somma ghandha tirrifletti dak li kien ikollu jhallas l-intimat sal-lum mid-data tat-twelid tat-tarbija sad-data tas-sentenza effettiva u ohra gjornaljera u cioe 'per diem' in linea ta' manteniment futur ghall-imsemmi minuri Kurt bl-imghaxijiet legali skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut oppona ghat-talbiet ta' l-attrici, hemm proceduri dwar manteniment quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar; kura u kustodja ghandha tkun kongunta; sostna li "din il-kawza hija frivola u vessatorja u maghmula biss b'animu ta' pika u sabiex tkompli ddejjaq lill-intimat u taghmillu hajtu infern";

Rat ir-rapporti ta' l-Avukat tat-Tfal Dr. Stephanie Galea [fols.32 et. seq.]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob li din il-Qorti tafdaha bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, u li tordna lill-konvenut jikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifel.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jopponi ghal dawn il-pretensjonijiet.

**Kura u Kustodja**

L-attrici tghid li hija sabet hafna problemi kemm d'dak li jikkoncerna pagamenti ta' manteniment di fatti hemm ammont ta' arretrati li huma dovuti, kif ukoll problemi dwar access. Hija tghid li l-konvenut jesponi lill-minuri ghall-partner tieghu u li kien hemm xi zmien fejn il-minuri kien jitfixkel min kienet ommu.

L-attrici tghid li l-konvenut "*kien kisser affarijiet ta' ommi u anke kien ghamel gesti oxxeni fil-pubbliku quddiem it-tifel. Dan apparti l-kliem baxx u dagha li kien jghid. Minkejja li l-access kien isir mill-ghassa tal-pulizija xorta kien jinqala' l-inkwiet u mhux l-ewwel darba li tlajna l-Qorti minhabba l-provokazzjonijiet tieghu*"[1].

Tkompli tghid li t-tifel gieli jmur lura aggressiv wara l-access ma' missieru u jghajjar lilha u lill-ommha u anke jiddejjaq imur l-iskola. L-attrici ssemmi wkoll problemi minhabba s-sahha tat-tifel, hija tkompli tghid li l-konvenut "*jiehdu mieghu fit-trab u l-hmieg bil-konsegwenza li qed jimrad iktar ta' spiss kemm bl-asthma u kemm b'infezzjonijiet ohra. L-inimtat mhux kapaci jiehu hsieb lit-tifel ghax anki meta tajtu l-medicina dan hallijielu fix-xemx u din saret hazina beix taghtiha lil minuri*"[2].

Il-konvenut jattriwbixxi t-tort tat-tifrik tar-relazzjoni minhabba l-infedelta` f'diversi okkazzjonijiet ta' l-attrici tant li ghamel test xjentifiku ta' paternita` sabiex jistabilixxi jekk il-minuri hux fil-fatt ibnu naturali. Huwa jghid li kien jixtri medicina u hwejjeg ghat-tifel peress li l-attrici kienet tibaghtu bl-aghar hwejjeg u ma ttiehx il-medicini meta tibaghat lit-tifel. Ikompli jghid li l-access isir minn hdejn l-Ghassa tal-Pulizija minhabba l-fatt li meta "*kien isir minn hdejn id-dar taghha, il-genituri taghha, hi u l-partner taghha Dennis Sammut kienu jaqalghu hafna nkwiet, ghajjat u tghajjir quddiem it-tifel, sahansitra kienu jaghmlu rapporti foloz li jien kissert xi haga minn quddiem d-dar taghha jew li ghamilt xi mossi oxxeni. Kull meta deherna quddiem il-Qorti tal-Magistrati dawn l-akkuzi taghha qatt ma gew pruvati u dejjem hrigt illiberat ghax kienu foloz*"[3].

Il-konvenut ukoll issostni li "*Dennis Sammut ipprova joqtolni b'daqqa ta' zappuna ta' l-ghalqa u ghadda kumpilazzjoni. Fl-incident qasamli rasi u ghamilli tmintax-il (18) punt u kissirli saqajja u dan inqala' meta qbadthom jiltaqghu bil-mohbi kif tlaqt lil A*"[4]. Jghid ukoll li gie

[1] Vol. 1, fol. 48.
[2] Vol. 1, fol. 49.
[3] Vol. 2, fol. 272.
[4] Vol. 2, fol. 224.

ostakolat anke meta l-minuri ghamel il-precett peress ma thallix jiehu ritratti mieghu. Il-konvenut jispjega l-inkwiet tieghu li l-minuri qieghed jigi espost ghall-ragel iehor u qieghed jitfixkel min fil-fatt huwa missieru peress li l-attrici torqod fl-istess sodda mal-partner taghha u dan quddiem il-minuri.

Il-Qorti tosserva li l-kura u l-kustodja fattwali tal-minuri f'dawn is-snin kienet f'idejn l-attrici u in vista tal-fatt li kien hemm numru ta' problemi u disgwidi bejn il-partijiet tiddeciedi kif gej;

Il-kura u l-kustodja ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici, b'dan li decizjonijiet ta' natura straordinarja ghandhom jittiehdu mill-partijiet konguntivament. Fi kwalunkwe kaz il-partijiet huma t-tnejn obbligati li jinfurmaw lil xulxin dwar dak kollu li jikkoncerna s-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri. Iz-zewg partijiet ghandhom id-dritt li jitolbu u jottjenew informazzjoni dwar il-minuri minghand id-dirigenti ta' l-iskola u kwalunkwe entita' edukattiva jew extra kurrikular, kif ukoll minghand it-tobba kuranti tal-minuri, sptarijiet u kwalunkew entita' li jkun fil-kura taghha l-minuri.

**Access**

Il-konvenut ghandu jkollu access ghall-ibnu minuri Kurt kull nhar ta' Tnejn, Hamis u l-Gimgha mis-6.30pm sat-8.30pm u f'gimghat alternati, gimgha wahda mill-Gimgha fis-6.30pm sa' l-ghada s-Sibt fit-8.30pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fid-9am sa' l-ghada l-Hadd f'nofsinhar.

Illi l-partijiet qablu dwar l-access waqt is-smigh ta' l-1 ta' Frar 2013[5] fis-sens:-
"*Meta l-minuri jkollu l-muzew kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Gimgha l-missier jigbor lill-minuri mill-muzew mis-6.30pm u jirritornah quddiem l-ghassa tar-Rabat fit-8.30pm. Izda meta tkun il-gimgha li l-access tal-missier jkun mill-Gimgha sas-Sibt r-restrizzjoni li tirrigwarda t-8.30pm ma tapplikax u t-tifel jigi ritornat s-Sibt fit-8.30pm. Nhar ta' Hamis ikun dejjem minn fejn l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat mis-6.30pm sat-8.30pm*".

[5] Vol. 3, fol. 375.

Inoltre, waqt is-smigh tal-15 ta' Marzu 2013[6] il-konvenut gie awtorizzat li "*meta minhabba cirkostanzi ta' xoghol ma jkunx jista' jigbor lit-tifel ghall-access fil-hin, it-tifel jista' jingabar minn wiehed mill-genituri tieghu, izda jibqa' ferm id-digriet li jekk ma jitfacca hadd ghall-access wara kwarta l-attrici taghmel rapport l-ghassa u titlaq bit-tifel. Dan l-istess awtorizzazzjoni tapplika wkoll ghall-attrici*".

Sussegwentement waqt is-smigh tal-25 t'Ottubru 2013[7] il-Qorti ordnat li "*t-tifel jittiehed il-Muzew mill-genitur li jkollu l-kustodja tieghu fis-segwenti granet: nhar tat-Tnejn, Tlieta, Hamis u Gimgha bejn 6.45pm sa 7.45pm u nhar ta' Sibt mis-6.00pm sas-7.00pm...l-access mitluf mill-konvenut minhabba l-granet u hinijiet tal-Muzew ikun kompensat b'access nhar ta' Hadd, meta hu jmissu s-Sibt u allura l-minuri ghandu jigi ritornat lill-attrici 4.30pm*". Izda waqt is-smigh tad-29 ta' Novembru 2013[8] gie pprecizat illi "*ghall-modalita` tal-access kif aggustat minhabba l-attendenza tat-tifel ghall-Muesum u tippreciza illi l-kumpens favur il-konvenut ghandu jkun b'zieda tal-access ta' nhar ta' Hadd sal-5.30pm u dan biss meta l-konvenut ikun imissu access mis-Sibt ghall-Hadd, u cioe` darba fi hmistax*".

Fil-festi ta' l-Ghid, il-Milied u l-Ewwel tas-Sena l-partijiet ghandhom jaqsmu l-gurnata u jalternaw il-hinijiet minn sena ghall-ohra fis-sens li dina s-sena l-minuri ghandu jaghmel l-ikla ta' nofsinhar f'Jum il-Milied u fl-Ghid ma' l-omm b'access lill-konvenut wara nofsinhar u fl-Ewwel tas-Sena mal-misser, is-sena ta' wara jalternaw. F'Jum l-Omm il-minuri ghandu jqatta' l-gurnata ma' l-attrici mentri f'Jum il-Missier il-minuri ghandu jqatta' l-gurnata mal-konvenut. F'gheluq snin tal-minuri, il-konvenut ghandu jkollu access ta' saghtejn.

## Manteniment

[6] Vol. 3, fol. 396.
[7] Vol. 3, fol. 410
[8] Vol. 3, fol. 433.

*Arretrati*
Illi permezz ta' digriet l-konvenut gie ordnat li jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm100 fix-xahar bhala manteniment ghall-ibnu minuri Kurt.

Illi permezz ta' nota[9] l-attrici indikat li l-ammont ta' manteniment li ghadu pendent huwa s-segwenti:-

€233 Dicembru 2006
€2796 Jannar sa Dicembru 2007
€2796 Jannar sa Dicembru 2008
€2796 Jannar sa Dicembru 2009
€2097 Jannar sa Settembru 2010
€699 Jannar sa Marzu 2013

Dan ghal total ta' €11,417

Illi permezz ta' nota ohra l-attrici ikkoregiet dawn ic-cifri "*fis-sens li l-manteniment dovut ghas-sena 2010 huwa bis ix-xhur ta April u Settembru*"[10]. Ghalhekk it-total dovut ghas-sena 2010 ghandu jkun ta' €466 minflokk €2097 u konsegwentement it-total komplessiv dovut huwa ta' €9,786 minflokk ta' €11,417.

Illi permezz ta' nota[11] l-konvenut ipprezenta numru ta' dokumenti konsistenti f'ircevuti dwar il-hlas ta' manteniment, u l-attrici kkonfermat l-istess ricevuti fis-smiegh tad-29 ta' Novembru 2013. Dawn il-pagamenti huma s-segwenti:-

(24/03/09) €466 Jannar u Frar 2009
(20/05/09) €233 Marzu
(09/06/09) €466 April u Mejju
(05/09/09) €699 Gunju, Lulju u Awissu
(14/01/2010) €932 Settembru, Ottubru, Novembru u Dicembru
€465 April u Settembru 2010
(25/04/2013) €932 Jannar, Frar, Marzu u April 2013

[9] Vol. 3, fol. 400.
[10] Vol. 3, fol. 397.
[11] Vol. 3, fol. 425.

Illi ghalhekk jirrizulta li dak li attwalment ghadu pendenti u dovut lill-attrici huwa:-
€233 Dicembru 2006
€2796 Jannar sa Dicembru 2007
€2796 Jannar sa Dicembru 2008
€1 ghas-sena 2010

Dan ghal total ta' **€5,826 liema somma ghandha tithallas lill-attrici mill-konvenut.**

*Spejjez ta' Sahha u Edukazzjoni Arretrati*
Fir-rigward tat-talba ta' l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ta' l-attrici skont in-nota ta' l-istess attrici pprezentata a fol. 118 et seq. il-Qorti tosserva li din in-nota bl-annessi dokumenti mhijex guramentata u ghalhekk il-Qorti qed tirrizerva din il-kwistjoni ghal gudizzju separat fuq proceduri appoziti da parti tal-attrici.

Il-Qorti tordna li l-ammont pagabbli mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment ghall-ibnu minuri Kurt ghandu jkun ta' €180 fix-xahar li jinkludu wkoll l-ispejjez ta' medici ordinarji. L-ispejjez straordinarji medici u l-ispejjez ta' l-edukazzjoni ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet fi kwoti indaqs wara li tigi prodotta d-debita rcevuta.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri Kurt lill-attrici, b' access favur l-missier kif stabbilit u ordnat fis-sezzjonijiet ntestati 'Kura u Kustodja' u 'Access';

[2] tilqa' t-tieni talba, fis-sens fuq stabbilit u deciz fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment' u tordna li li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hamest-elef, tmien mija u sitta u ghoxrin euro [€5,826] lill-attrici;

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------